MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru 614/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonovitch Muscat**

v

**STEPHEN CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEPHEN CAMILLERI** ta'tmienja w tletin sena, bin il-mejjet John u Margaret nee Caruana, imwieled l-Imtarfa nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 1966 u joqghod 96, Triq San Vincenz, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 353666M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn l-ahhar snin bejn t-tlettax ta' Jannar 2003 w it-tletin ta' Marzu 2005 f'dawn il-Gzejjer, fil-kuntest ta' xiri ta' proprjeta sitwata f'numru 46, Triq San Tumas, Harmrun;

a. talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elf lira maltin ghad-dannu ta' bank kummercjali u ta' diversi persuni.

b. Talli fl-istass data, hin, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elf lira maltin ghad-dannu ta' bank kummercjali u ta' diversi persuni, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat;

c. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta'oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

d. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, kitba jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falz;

e. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti minn ufficjal jew impjegat pubbliku li, minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, hu d-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjnoi jew certifikat, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu minn falsifikazzjoni li saret minn xi persuna li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz t'awtorita;

f. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata ffalsifikata li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

g. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil imputat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn ta’ Marzu 2006 [fol 124] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tlieta ta’ April 2006, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlieta ta’ April 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid terga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni tal-imputat ghalkemm fi stadju avvanzat tal-proceduri;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigi trattatat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 308, 309, 310, 293, 294, 187, 188, 184, 186, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib lill-imputat STEPHEN CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed taghtih il-fakulta li jhallas din il-multa b'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin lira maltin bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin [30] ta' April, 2006.**

**Fin-nuqqas li l-imputat ihallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Tordna ulterjorment wkoll li l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu massimu ta' tlett [3] snin taht s-segwenti kundizzjionijiet:**

**1. L-imputat probationer STEPHEN CAMILLERI ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett [3] snin, iggib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation**

**Officer li ser tigi nominata mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal ihoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer STEPHEN CAMILLERI ghandu jibqa jzzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment, hu ghandu, jekk l-istess Probation Officer ikun irid hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi l-imputat probationer STEPHEN CAMILLERI ghandu jghix fir-residenza tieghu tul l-perjodu kollu ta' tlett [3] snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputat probationer STEPHEN CAMILLERI ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt [6] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha u l-imputat ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------